MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT**
**ANTONIO GIOVANNI VELLA**

Seduta tas-26 ta' Jannar, 2006

Numru 1070/2005

**IL-PULIZIJA**
**SPETTUR ANTHONY CASSAR**

**VS**

**KEVIN ATTARD**

**Il-Qorti;**

Wara li rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra Kevin Attard, ta’ 35 sena, bin Emmanuel u Rose nee’ Bugeja, imwieled l-Ingilterra, nhar is-16 ta’ Gunju, 1970, u joqghod fl-indirizz numru 22, Rinella Street, il-Kalkara, detentur tal-karta tal-identita’ bin-numru 364 587 (M);

Akkuzat talli f’Misrah l-Isqof Gonzi, il-Kalkara, nhar il-Hamis 24 ta’ Novembru, 2005, ghall-habta ta’ xil-hdax, ta’ fil-ghaxija:

1. Bla ordni skond il-Ligi tal-awtorita’ kompetenti u barra mill-kazijiet li fihom il-Ligi taghti s-setgha lill-privat li jarresta lill-hati, arresta, zamm jew issekwestra lil Erci Briffa, mill-Kalkara kontra l-volonta’ tieghu;

2. U aktar talli bil-hsieb li jaghmel delitt, u cioe’ ferita gravi fuq il-persuna ta’ Eric Briffa, mill-Kalkara, wera dan il-hsieb b’atti esterni u ta bidu ghall-esekuzzjoni tad-delitt meta waddab diversi fliexken fid-direzzjoni tieghu, liema delitt ma giex esegwit minhabba xi haga accidentali u ndipendenti mill-volonta’ tieghu;

3. U aktar talli fil-hin li wettaq dan id-delitt kellu fil-pussess tieghu arma li taqta’ u bil-ponta u cioe’ sikkina;

4. U aktar talli zamm u garr fuqu strument li jaqta’ u bil-ponta, u cioe’ sikkina, minghajr licenzja mill-Kummisarju tal-Pulizija;

5. U aktar talli hedded lil Eric Briffa, u l-familja tieghu bil-mewt, kif ukoll b’arma li taqta’ u bil-ponta, u cioe’ sikkina;

6. U aktar talli bil-lejl kiser il-mistrieh tan-nies, bi hsejjes, ghajjat jew b’mod iehor;

7. U aktar talli ghad li kien xurban, qal fil-pubbliku kliem oxxen jew indecenti;

8. U aktar talli m’obdiex l-ordnijiet legittmi tal-awtorita’ jew ta’ wiehed li jkun inkarigat minn servizz pubbliku;

9. U aktar talli f’lok pubbliku, jew miftuh ghall-pubbliku, instab fis-sakra b’mod li ma kienx jista’ jiehu hsieb tieghu innifsu;

10. U aktar talli minghajr ma darab jew sawwat, hedded bil-gebel jew bi hwejjeg ohra iebsin, jew waddabhom, jew qabad armi ohra kontra n-nies;

11. U aktar talli hebb kontra l-istess Eric Briffa sabiex jingurjah, idejjqu jew jaghmillu hsara;

12. U fl-ahhar talli qal kliem jew espressjonijiet ta' dagha.

Wara li rat l-Artikolu 13(1) tal-Kap 66 tal-Ligijiet ta' Malta;
U kif ukoll l-Artikoli 86, 41(a), 338(m), 338(bb), 338(ee), 338(ff), 339(b), 339(c), 339(d), 342, u 383 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Wara li rat li giet registrata ammissjoni fil-verbal tal-lum, wara li l-imputat inghata zmien xieraq skond il-Ligi biex jikkonsidra din l-istess ammissjoni tieghu.

Ikkunsidrat:

Wara li rat id-dokumenti esebiti;

Wara li semghet ix-xhieda prodotta.

Ghal dawn il-motivi din il-Qorti qiegheda ssib lill-imsemi mputat Kevin Attard hati tal-akkuzi kif dedotti kontrieh u ghaldaqstant tikkundannah ghal perjdou ta' prigunerija ta' sena (1) sospiza ghal tlitt (3) snin, u dan *ai termini* tal-Artikolu 28 G tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta, waqt liema terminu ta' tlitt (3) snin l-imputat ghandu joqghod taht supervizjoni tal-ufficjal tal-*Probation ai termini* tal-istess Artikolu.

*Inoltre* tordna il-hrug ta' garanzija favur il-parti civili, indikata fl-akkuza, u cioe' Eric Briffa, Ryan Briffa u l-familjari taghhom, *ai termini* tal-Artikolu 383, tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta, ghal perjodu ta' sena (1), taht penali ta' mitt lira maltin (Lm100.00).

Il-Qorti spjegat il-portata tas-sentenza lill-imputat.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------